# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 184/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Roderick Vella**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Roderick Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 420585(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-26 ta' Marzu 2018 u fil-ġranet sussegwenti li jiġu wara, f'dawn il-Gżejjer:

1. ikkommetta serq ta' *mobile phone* tal-għamla Samsung S8 bin-numru tal-'IMEI' 358793086907282 liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna għad-dannu tal-kumpanija Melita plc u/jew Jurgen Paul Agius u/jew persuni oħra;

2. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinata lilu minħabba kariga jew servizz tiegħu, li jammonta għal aktar minn ħames mitt Euro (€500) imma inqas minn ħamest elef Euro (€5000) għad-dannu tal-kumpanija Melita plc u/jew Jurgen Paul Agius u/jew persuni oħra;

3. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 261, 267, 268, 279, 280, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa ġie lliberat mit-tielet imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija u ċioè fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu għal sitt (6) xhur priġunerija u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament jekk tikkonferma s-sejbien tal-ħtija dwar waħda jew iż-żewġ imputazzjonijiet tbiddel il-piena billi tinfliġġi piena aktar miti ġusta u ekwa għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Settembru 2020.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant kien *security officer* ma' Vigil Services Limited. Parti mix-xogħol tiegħu kienet li jiġbor affarijiet minn għand il-klijenti u jeħodhom fil-post tal-konsenja. Alternattivament kien jeħodhom fuq il-post tax-xogħol tiegħu fejn jiġu depożitati ma' ċertu Joe Galea fl-uffiċju tiegħu u dawn wara jitqassmu fil-post tal-konsenja tagħhom.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li mill-provi hekk kif imressqa quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma seta' qatt jiġi misjub ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Huwa jaqsam dan l-aggravju fis-segwenti:

- Jissottometti li dak kollu li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2018 huwa null u bla effett u li konsegwentement kull xiehda li ngħatat kienet inammissibbli għaliex skont hu ma kienx sar l-eżami tiegħu u dan lanqas ma

ngħata l-kunsens tiegħu skont Artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li kien nieqes ukoll ir-rapport maħluf tal-Uffiċjal Prosekutur. Jisħaq li dawn iż-żewġ nuqqasijiet iġibu bħala konsegwenza n-nullita' assoluta tal-proċeduri liema nullita' jisħaq li toħroġ minn Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malt. Jargumenta li minkejja li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018 ġiet segwita l-proċedura billi saru kemm ir-rapport maħluf kif ukoll l-eżami tiegħu ma jbiddel xejn għaliex kollox kellu jerġa' jiġi riprodott fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018 jew f'xi seduta li saret wara. Huwa jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et**.

- Jissottometti li ma tressqet ebda prova sodisfaċenti li l-*mobile* allegatament misruq kien iġib l-IMEI numru 358793086907282 billi din kienet biss dikjarazzjoni mhux ikkonfermata jew korroborata ta' wieħed mill-akkużaturi tiegħu. Jisħaq li għalhekk kull prova oħra u b'mod partikolari r-relazzjoni tal-Perit Tekniku maħtur huma bla saħħa probatorja.

- Jisħaq li l-kwadru probatorju mfassal quddiem l-Ewwel Qorti kien wieħed dgħajjef u insuffiċjenti sabiex iwassal għal konvinċiment morali tal-ħtija tiegħu billi huwa wieħed totalment indizzjarju u ekwivoku u ma jissodisfax il-vot tal-liġi għal dak li jirrigwarda kundanni jew dikjarazzjonijiet ta' ħtija msejsa biss fuq provi indizzjarji.

<u>L-Ewwel Punt tal-Ewwel Aggravju</u>:
Illi fir-rigward tal-ewwel punt imqajjem fl-ewwel aggravju (*ossia* dak li jirrigwarda n-nullita'), din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- L-Avukat Ġenerali kien ta l-kunsens tiegħu (*a fol.* 12) sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

- Skont il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 16 *et seq.*) l-appellant allura

imputat kien informa lill-Ewwel Qorti li l-avukat tiegħu ma setax jattendi. Jirriżulta li dakinhar instemgħu numru ta' xhieda u ġew ippreżentati numru ta' dokumenti. Dakinhar tal-5 ta' Settembru 2018 il-kawża tħalliet sabiex tinstema fl-24 ta' Ottubru 2018 f'liema seduta ta' Ottubru 2018 ma sar xejn peress li l-appellant allura imputat ma kienx preżenti. Dakinhar tal-24 ta' Ottubru 2018 il-kawża tħalliet għas-seduta tas-7 ta' Novembru 2018.

- Mill-verbal tas-seduta miżmuma fis-7 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 36 *et seq.*) jirriżulta li l-appellant allura imputat kien assistit mill-konsulent legali tiegħu u hekk kif tniżżel minn deher dakinhar (inkluż l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Shaun Friggieri) tniżżel ukoll li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat u hemm imniżżel ukoll li sar l-eżami tal-appellant allura imputat. Ta' interess partikolari huwa li fil-verbal tas-seduta msemmija hemm imniżżel hekk (*a fol.* 36): *"Id-difiża teżenta lill-Qorti milli tisma' x-xhieda tal-Prosekuzzjoni mill-ġdid."* Wara li sar dan jirriżulta li l-Ewwel Qorti kompliet tisma' x-xhieda li kellha l-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet sew li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018 reġgħet ħadet ħsieb li l-kawża tibda mill-bidu stante li mill-verbal tas-seduta miżmuma fil-5 ta' Settembru 2018 jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma kinitx għamlet dak neċessarju skont il-liġi b'dan illi jirriżulta wkoll li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018 l-Ewwel Qorti ssanat l-atti proċesswali kif suppost. Kif diġa' ngħad hawn fuq, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018 jirriżulta li l-konsulent legali tal-appellant allura imputat kien eżenta lill-Ewwel Qorti li terġa' tisma' l-istess xhieda li kienu nstemgħu.

Illi meta d-difiża eżentat lill-Ewwel Qorti milli tisma' mill-ġdid x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kulma kienet qed tagħmel kien li tkun prattika fis-sitwazzjoni u ma taħliex ħin ġialadarba x-xiehda tax-

xhieda kienet traskritta u d-dokumenti kienu fil-proċess. Kieku d-difiża ma eżentatx lill-Ewwel Qorti milli tisma' x-xhieda tal-Prosekuzzjoni mill-ġdid, kieku s-sitwazzjoni kienet tkun differenti. Fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Saviour Azzopardi et** li l-appellant jagħmel riferenza għaliha fir-Rikors tal-appell tiegħu hekk kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li din is-sentenza ma għandha x'taqsam assolutament xejn mas-sitwazzjoni msemmija mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu u dana peress s-sentenza kienet tirrigwarda nuqqas ta' firma tal-Maġistrat fuq id-dokument tal-eżami tal-imputat. Għaldaqstant isegwi li l-ewwel punt dwar in-nullita' hekk kif imsemmi fl-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

<u>It-Tieni u t-Tielet Punt tal-Ewwel Aggravju</u>:

Illi t-tieni u t-tielet punt imsemmija fl-ewwel aggravju għandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tfakkar li hija ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha,

> allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi jkun opportun li qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni u t-tielet punt hekk kif imsemmija fl-ewwel aggravju li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u dana peress li, kif diġa' ngħad, il-punti msemmija għandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi.

Illi fl-istqarrija (*a fol.* 4 *et seq.*) rilaxxata mill-appellant lill-Pulizija, meta l-appellant kien mistoqsi dwar li s-Samsung Galaxy S8 IMEI 358793086907282 kien intuża fuq in-numru 99667858 l-appellant kien qal li l-aħħar numru kien tiegħu iżda ma kienx jaf li twaħħal f'dak it-tip ta' *mobile*. Meta l-Pulizija urietu diversi *calls* ġejjin mis-Samsung S8 flimkien man-numru 99667858 huwa qal li ma kienx jaf b'dawn il-*calls*. Qal li lil Lawrence Sammut anqas biss ftakar li kien ċempillu u li telefonata li waslet għand Lawrence Sammut kellha l-istess numru tal-appellant imma kienet ġejja mis-Samsung. Meta xehed l-appellant allura imputat (*a fol.* 92 *et seq.*) quddiem l-Ewwel Qorti huwa kkonferma li n-numru 99667858 kien tiegħu. Jgħid li kien ilu għandu madwar tnax-il sena u li qatt ma kien biddel in-numru. Jgħid ukoll li meta mar jiġbor il-*mobile* is-*salesman* kien qallu li kien Samsung Galaxy 8 u ried jieħdu tas-Sliema. L-appellant qal ukoll li kien ħalla l-*mobile* imsemmi fil-*branch* tal-Mrieħel għand ċertu Joe Galea.

Illi meta xehed Joe Galea (*a fol.* 47 *et seq.*) huwa qal li l-appellant kien mar l-uffiċju, daħal u ħareġ u ma rahx aktar. Jgħid li lilu ma kien tah ebda *mobile* għax is-soltu kien jaqbad u jitfgħu fis-*safe*. Għat-tieni darba qal li l-appellant ma kien tah xejn u ma kien ra xejn fis-26 ta' Marzu 2018. Għal kull buon jingħad li dak iż-żmien l-appellant kien jaħdem *part-time* ma' Vigil Services Limited u *full-time* ma' Security Services Malta Limited hekk kif jirriżulta minn Dok. "JS 1" (*a fol.* 21 *et seq.*).

Illi l-appellant kellu jiġbor is-Samsung 8 minn Ħal-Għaxaq biex jieħdu tas-Sliema jew il-Head Office tal-Melita. (Ara xhieda ta' Joseph Psaila *a fol.* 26 *et seq.*). Fuq talba tas-Security Services Malta

Limited, l-appellant kien bagħat *statement* fejn qal li kien għamel id-*delivery* tiegħu fl-Mrieħel fl-uffiċju tas-Sur Galea (*a fol.* 27). Il-kuntatt mal-appellant kien sar fuq in-numru 99667858. (Ara x-xiehda ta' Joseph Psaila in rappreżentanza ta' Security Services Limited (*a fol.* 30) kif ukoll ix-xiehda ta' PC 1397 Ludvic Farrugia li kien eleva *mobile* mingħand l-appellant allura imputat li kellu l-istess numru (*a fol.* 62)). Marisa Gauci in rappreżentanza tal-Vodafone rriferiet għall-istess numru meta sar il-*pairing*.

Illi Jurgen Agius (in rappreżentanza ta' Melita) ikkonferma li kien l-appellant il-persuna nkarigata biex iġorr dan il-mobile minn Ħal-Għaxaq għal tas-Sliema u li wara sar rapport mal-Pulizija għaliex il-*mobile* kien proprjeta' tal-Melita. Il-*mobile* huwa s-Samsung S8 u għandu l-IMEI 358793086907282. Dan huwa mmarkat fl-*invoice* bħala "Samsung Galaxy S8" u bħala *Unit Price* jidher sitt mija u ħamsa u sebgħin Euro (€675) ma' liema somma trid tiżdied ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-ammont ta' mija u wieħed u għoxrin Euro u ħamsin ċenteżmu (€121.50).

Illi PS 362 Wayne Borg (*a fol.* 58 *et seq.*) xehed li kienu talbu xi *service providers* jekk qattx kien ġie attivat il-*mobile* u dawn qalu li kien attivat ma' numru tal-*mobile* tal-appellant.

Illi jirriżulta li Anthony Spiteri (l-espert maħtur mill-Ewwel Qorti – *a fol.* 70 *et seq.* u Dok. "SA 1" – *a fol.* 72 *et seq.*) għamel analiżi tar-rapport li kien ippreżentat mill-Vodafone, tal-*mobile* Samsung u s-*sim card* li kien hemm ġo fih. Irriżultalu li kien hemm numru mitlub mill-Pulizija li kien 99667858 u fuq *mobile* li ġie identifikat minn Jurgen Agius bin-numru IMEI 358793086907282. In-numru kien identifikat mill-Vodafone li kien ta' Roderick Vella, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 420585(M), u s-*sim card* kienet intużat kemm mill-*mobile* li allegatament misruq kif ukoll mill-*mobile* li kien ingħata lilu (lil Spiteri) biex janalizza.

Illi fir-rigward tat-tieni punt hekk kif imressaq fl-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jindika meta jkun hemm bżonn ta' korroborazzjoni f'Artikolu 639. Din il-Qorti tinnota li f'dan il-każ ma kien hemm ebda bżonn, *ai termini* tal-

istess Artikolu, ta' korroborazzjoni u, kif jgħid l-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnuta, tkun biżżejjed. Din il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa r-rapport tal-espert maħtur mill-Ewwel Qorti u tqis li dan għandu saħħa probatorja għax magħmul b'analiżi teknika tax-xhieda pprovduta. B'hekk din il-Qorti qed tiċħad it-tieni punt tal-ewwel aggravju.

Illi dwar it-tielet punt tal-ewwel aggravju għandu jingħad mill-ewwel li l-prova indizzjarja tista' tkun xjentifikament aktar eżatta minn dak li wieħed ra jew sema'. F'dan il-każ hemm kumulu ta' provi kif jidher mill-punti ewlenin tax-xiehda mismugħa u li ġew riprodotti aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Il-katina tax-xhieda qegħda hemm: kien l-appellant li kien inkarigat biex jieħu s-Samsung 8 imsemmi. Min kellu jirċevih xehed li dakinhar l-appellant daħal u ħareġ u ma ħalla xejn għaliex is-soltu dan mill-ewwel kien ipoġġi dawn l-oġġetti fis-*safe*. Jirriżulta li l-appellant kien batut sew fir-risposti tiegħu kemm waqt l-istqarrija rilaxxata minnu kif ukoll dwar meta xehed kif setgħu jsiru telefonati mill-*mobile* misruq minn numru tiegħu.

Illi għandu jingħad li x-xiehda ċirkostanzjali f'dan il-każ hija univoka u tipponta lejn fatt wieħed – lejn li kien l-appellant li flok iddepożita l-*mobile* kif kellu jagħmel bħala impjegat, minflok żammu għandu. Din hija konklużjoni tal-katina tal-provi prodotti. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tielet punt tal-ewwel aggravju.

B'hekk isegwi li l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u/jew applikazzjoni tal-liġi manifestament żbaljata meta sabitu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet għaliex l-elementi tar-reati msemmija fihom mhumiex l-istess u l-elementi ta' wieħed jeskludi l-elementi tal-ieħor.

Illi din il-Qorti ser tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju billi tagħmel riferenza għat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat. Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

> "Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."

Illi minn naħa l-oħra Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, l-industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio*, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn." [emfażi miżjuda]

Illi minn kif inhi redatta t-tieni (2) imputazzjoni jidher li l-Prosekuzzjoni kellha f'moħħha Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda żiedet kliem li jidher f'Artikolu 294, *ossia* "kariga jew servizz" tiegħu.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Bamber** (Numru 231/2000) din il-Qorti qalet hekk:

> "Din il-Qorti xejn ma taqbel ma' din l-argumentazzjoni jew sottomissjoni ta' l-appellant. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferenza għal dak li jgħid **Vincenzo Manzini** fil-ktieb tiegħu "Trattato di Diritto Penale Italiano",

Quinta Edizione, Volume Nono, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju. Skond il-Manzini, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduċi testwalment x'jgħid dan l-awtur:

> *"Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio' commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel que ricevette. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussite anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."*

Dan hu kliem ferm ċar li bħala eżempju ta' dan ir-reat, il-Manzini jsemmi preċiżament każ identiku, sottolineat fil-bran kkwotat minn din il-Qorti, ta' dak in eżami f'dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, ta' min jikkwota wkoll dak li jgħid il-**Maino** fil-ktieb tiegħu "Commento al Codice Penale Italiano" (UTET (Milano), 1922 Vol. IV paġna 104:

> *"La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede.""*

Illi, *in oltre*, kif jispjega l-awtur **Francesco Antolisei**:

*"La vera essenza del reato di appropriazione indebita consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli ne danneggia il-*

> *patrimonio."* (Manuale di Diritto Penale Giuffre' (Milano), 1986 Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Illi fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ġunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et**, din il-Qorti għaddiet sabiex telenka l-elementi essenzjali li jsawwru r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Hija qalet hekk:

> "Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaga oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."

Illi fil-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza jirriżulta li l-appellant (1) ingħata *mobile*, (2) biex jieħdu minn post għall-ieħor u (3) minflok żamm il-*mobile* għalih. Barra dan huwa kien impjegat għax kellu kariga u ried jagħti dan is-servizz li jwassal il-*mobile* minn post għall-ieħor. Għalhekk mill-fatti jirriżultaw l-elementi kollha ta' Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontrih.

Illi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat *ossia* li tirrigwarda s-serq, din il-Qorti terga' tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et**, hawn fuq imsemmija u dana peress illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u approprjazzjoni indebita, fis-sentenza msemmija ngħad hekk:

> "Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarjament u mhux jittieħed kontra l-volonta' jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu wkoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent."

Illi fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li l-appellant ingħata l-*mobile* biex jieħdu band'oħra u mhux qabad u ħadu lil xi ħadd kontra l-volonta' tiegħu. Isegwi għalhekk li t-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ u b'hekk filwaqt li din il-Qorti ser tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni (dik ta' approprjazzjoni indebita), hija ser tilliberah mill-ewwel (1) imputazzjoni (dik ta' serq).

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jissottometti li l-piena in kwistjoni hija waħda eżaġerata stante li dan huwa każ trivjali ta' serq/approprjazzjoni indebita ta' oġġett li jiswa ftit mijiet ta' Euro. Jisħaq li huwa ma għandux fedina penali refrattarja.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li t-tieni aggravju tal-appellant ġie milqugħ b'dan illi din il-Qorti ser tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant biss fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni. Apparti minn dan, din il-Qorti ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni dak li jirriżulta mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "OVB 1") redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Vella Bayliss u li ġie eżebiet quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant (pero' mhux għar-raġunijiet imsemmija mill-appellant fl-aggravju in kwistjoni) b'dan illi l-appellant ser jiġi kkundannat piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiż *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Roderick Vella u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie liberat mit-tielet (3) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tagħha u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju u bl-aktar mod ċar l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**